MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-22 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 13/2010

Anthony Mifsud u martu Carmen Mifsud
vs
Noel Schembri u martu Mary Grace Schembri

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih esponew:

1. Illi l-intimati ghandhom ihallsu lir-rikorrenti s-somma kumpessiva ta' tlettax-il elf, tliet mija u erbgha u disghin Euro u hamsa u tmenin centezmi (€13,394.58) rapprezentanti:

i. In kwantu ghal erbat elef, sitt mija u tmienja u hamsin Euro u hamsa u sebghin centezmi (€4658.75) bilanc ta' somma mislufa mir-rikorrenti lill-intimati bis-sahha ta' skrittura datata 25 ta' Mejju 2006 (Dok A), liema somma hija dovuta wara li l-intimati tilfu l-

beneficcju tat-terminu li kien gie lilhom koncess stante n-nuqqas taghhom li jhallsu puntwalment kif mifthiem; u

ii. In kwantu ghal tmint elef, seba’ mija u hamsa u tletin Euro u tlieta u tmenin centezmi (€8735.83) bilanc ta’ prezz ta’ laham mibjugh u konsenjat lill-intimati.

2. Illi minkejja li l-intimati gew interpellati diversi drabi sabiex iwettqu l-hlas huma baqghu inadempjenti.

3. Illi d-dejn huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tar-rikorrenti, l-intimati ma ghandhomx eccezzjonijiet x’jaghtu ghat-talba ghall-hlas.

Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti biex in vista tad-dispensa tas-smigh tal-kawza *ai termini* tal-artikolu 167 et seq tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12):

Tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti s-somma kumpessiva ta’ tlettax-il elf, tlett mija u erbgha u disghin Euro u hamsa u tmenin centezmi (€13,394.58) rapprezentanti in kwantu ghal erbat elef, sitt mija u tmienja u hamsin Euro u hamsa u sebghin centezmi (€4658.75) bilanc ta’ somma mislufa mir-rikorrenti lill-intimati kif fuq spjegat, u in kwantu ghal tmint elef, seba’ mija u hamsa u tletin Euro u tlieta u tmenin centezmi (€8735.83) bilanc ta’ prezz ta’ laham mibjugh u konsenjat lill-intimati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju li gie prezentat kontestwalment, u (i) bl-imghax bir-rata ta’ 8% komputat mis-7 ta’ Jannar 2008 fuq il-bilanc tas-somma mislufa ta’ erbat elef, sitt mija u tmienja u hamsin Euro u hamsa u sebghin centezmi (€4658.75), li hija d-data ta’ l-ahhar pagament li sar mill-intimati f’dak ir-rigward; u (ii) bl-imghax kummercjali fuq is-somma ta’ tmint elef, seba’ mija u hamsa u tletin Euro u tlieta u tmenin centezmi (€8735.83) komputat mill-20 ta’ Novembru 2008, li hija d-data ta’ l-ahhar konsenja, sad-data ta’ l-effettiv pagament, kontra l-intimati li gew ingunti ghas-subizzjoni

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Xehed Anthony Mifsud u ikkonferma li l-intimati ghandhom ihallsuh is-somma ta' €13,394.58 rapprezentanti €4658 bilanc ta' somma mislufa bis-sahha ta' skrittura tal-25/5/06 u €8735 bilanc ta' prezz ta' laham mibjugh u konsenjat. Hu anke interpellahom u baqghu ma hallsu xejn anke wara li gie prezentat ir-rikors guramentat.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti jidhru gustifikati u l-Qorti filwaqt li qed tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini ta' l-artikolu 167 *et seq* tal-Kap 12 qed tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti s-somma kumpessiva ta' tlettax-il elf, tlett mija u erbgha u disghin Euro u hamsa u tmenin centezmi (€13,394.58) rapprezentanti in kwantu ghal erbat elef, sitt mija u tmienja u hamsin Euro u hamsa u sebghin centezmi (€4658.75) bilanc ta' somma mislufa mir-rikorrenti lill-intimati kif fuq spjegat, u in kwantu ghal tmint elef, seba' mija u hamsa u tletin Euro u tlieta u tmenin centezmi (€8735.83) bilanc ta' prezz ta' laham mibjugh u konsenjat lill-intimati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li gie prezentat kontestwalment, u (i) bl-imghax bir-rata ta' 8% komputat mis-7 ta' Jannar 2008 fuq il-bilanc tas-somma mislufa ta' erbat elef, sitt mija u tmienja u hamsin Euro u hamsa u sebghin centezmi (€4658.75), li hija d-data ta' l-ahhar pagament li sar mill-intimati f'dak ir-rigward; u (ii) bl-imghax kummercjali fuq is-somma ta' tmint elef, seba' mija u hamsa u tletin Euro u tlieta u tmenin centezmi (€8735.83) komputat mill-20 ta' Novembru 2008, li hija d-data ta' l-ahhar konsenja, sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------